21998D0709(18)

9.7.1998 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 193/61

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 101/97

## tal-15 Diċembru 1997

## Li jemenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, *standards, testing* u ċertifika) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif mibdul bil-Protokoll li Jbiddel il-Ftehim dwar ż-Żona Ekonomika Ewropea, magħruf bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

billi l-Anness II tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 48/97 tal-10 ta' Lulju 1997 ( (1);

billi Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2215/96 tal-20 ta' Novembru 1996 għandu jipprovdi għall-miżuri li jidderogaw fir-rigward ta "Glühwein" (2) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiżdied wara punt 6 (Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2009/92) f'Kapitolu XXVII tal-Anness II tal-Ftehim:

"7. **396 R 2215**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2215/96 tal-20 ta' Novembru 1996 li jniżżel il-miżuri li jidderogaw fir-rigard ta' 'Glühwein'. (ĠU L 296, tal-21.11.1996, p. 30).".

*Artikolu 2*

It-test tad-Direttiva tal-Kummissjoni (KE) Nru 2215/96 fil-lingwa Iżlandiża u fil-lingwa Norveġiża, anness mal-verżjonijiet lingwistiċi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huwa awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-16 ta' Diċembru 1997, basta illi jkunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-taqsima ŻEE u fis-suppliment dwar iż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, 15 Diċembru 1997.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

E. BULL

---

(1) ĠU L 290, tal-23.10.1997, p. 34.

(2) ĠU L 296, tal-21.11.1996, p. 30.